**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Audrey Micallef)**

**v.**

**Daniel Dalli**

**Kumpilazzjoni Nru. 649/2023 AC**
**Illum, id-29 ta' Jannar 2025**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Daniel Dalli**, ta' 20 sena, iben Kevin Dalli u Maria Dorianne nee' Darmanin, imwieled ġewwa l-Pieta' nhar l-10 ta' Diċembru 2002 u residenti ġewwa 7, Luce, Triq il-Feniċi, Mosta, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 0455802L, li kien akkużat talli fil-ġranet ta' bejn l-01 ta' Ġunju 2023 u t-02 ta' Ġunju 2023 fil-ħinijiet ta' bejn is-07:00PM u s-02:00AM rispettivament, ġewwa l-Mosta u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' missieru **Kevin Dalli** f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' natura ħafifa fuq il-persuna ta' missieru l-istess **Kevin Dalli** hekk kif iċċertifikat Dr. Alec Mifsud (M.D. 3421) miċ-ċentru tas-saħħa tal-Mosta;

2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tas-sieħba ta' missieru **Rachel Muscat** f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fis-saħħa jew fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa fuq is-sieħba ta' missieru u ċioe' l-istess **Christine Spiteri** li tirrisjedi fl-istess residenza mal-imputat, u hekk kif iċċertifikaha Dr. Alec Mifsud (M.D. 3421) miċ-ċentru tas-saħħa tal-Mosta;

3. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-kodiċi kriminali lil missierek, u ċioe' **Kevin Dalli** jew, jekk kont ipprovokat, inġurjat b'mod li ħriġt barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

4. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-kodiċi kriminali lis-sieħba ta' missierek u ċioe' **Rachel Muscat**, jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

5. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, heddidt li tagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li ġġiegħel tagħmel xi ħaġa jew għamilt użu ieħor mhux xieraq bih;

   U aktar talli nhar it-02 ta' Ġunju 2023, minn ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan u/jew minn ġewwa Għases tal-Pulizija f'dawn il-Gżejjer, mingħajr awtorizzazzjoni:

6. Uża kompjuter jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex daħal f'data jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-kompjuter, u/jew uża, ikkopja data, u/jew dokumentazzjoni ta' appoġġ;

7. Għamel output ta' data, jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mill-kompjuter li jkunu qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn jittellgħu xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun;

8. Ħa fil-pussess tiegħu xi data, software, jew dokumentazzjoni ta' appoġġ, jew għamel użu minnhom;

9. Bħala uffiċċjal pubbliku jew impjegat pubbliku, għamilt reat li kellek id-dmir li tissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħek id-dmir li timpedixxi li jsir.

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Daniel Dalli** a benefiċju ta' missieru **Kevin Dalli u l-familjari tiegħu** u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tinħareġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra **Daniel Dalli** a benefiċju tas-sieħba ta' missieru **Rachel Muscat** (li tirrisjedi fl-istess residenza mal-imputat) **u l-familjari tagħha** u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuni ta' **Kevin Dalli u l-familjari tiegħu** jew sabiex jinżamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Daniel Dalli** b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, biex tipprovdi għall-persuni ta' **Rachel Muscat u l-familjari tagħha** jew sabiex jinżamm il-bon-ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Kevin Dalli** b'obbligazzjoni tiegħu innifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-Liġi, tordna lill-imsemmi **Daniel Dalli** sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat tressaq b'ċitazzjoni quddiem din il-Qorti nhar l-4 ta' Ottubru 2023, fejn waqt l-istess seduta l-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Audrey Micallef qrat u kkonfermat l-

akkużi fil-konfront tiegħu, u, wara li sar l-eżami mingħajr ġurament *ai termini* tal-Liġi, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjoni kif dedotti;

Rat id-dokumenti esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri, senjatament is-segwenti:

1. Ċertifikat tat-Twelid tal-imputat[1];

2. Fedina Penali tal-imputat[2];

3. Stqarrija tal-imputat datata l-14 ta' Ġunju 2023[3];

4. Ċertifikat Mediku fir-rigward tal-*Parte Civile* **Kevin Dalli**[4];

5. Ċertifikat Mediku fir-rigward tal-*Parte Civile* **Rachel Muscat**[5];

6. Risk Assessment fir-rigward tal-*Parte Civile* **Kevin Dalli, Rachel Muscat u Mariah Dalli**[6];

7. Kunsens tal-Avukat Ġenerali *ai termini* tal-Artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex dan il-każ ikun trattat bi proċedura sommarja[7];

8. Rapport tal-NPS bir-referenza GHQ/GBDV/1167/2023[8];

9. Rapport tal-NPS bir-referenza 10/POL/2694/2023[9];

[1] Ara a fol 5 tal-proċess
[2] Ara a fol 6 *et seq* tal-proċess
[3] Ara a fol 8 *et seq* tal-proċess
[4] Ara a fol 13 tal-proċess
[5] Ara a fol 14 tal-proċess
[6] Ara a fol 15 *et seq* tal-proċess
[7] Ara a fol 32 tal-proċess
[8] Ara a fol 33 *et seq* tal-proċess
[9] Ara a fol 38 *et seq* tal-proċess

10. *Access Audit Report* fir-rigward tar-Rapport tal-NPS bir-referenza 10/POL/2694/2023[10];

11. *Access Audit Report* fir-rigward tar-Rapport tal-NPS bir-referenza 10/POL/2703/2023[11];

12. Talba għal Telephone Recording u NPS Audit sottomessa mill-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Audrey Micallef datata t-13 ta' Ġunju 2023[12];

13. Kopja ta' sentenza fl-ismijiet **<u>The Police (Inspector Daniel Zammit) v. Roswitha Marion Lehner</u>**[13].

Rat li fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2023, deher il-*Parte Civile* **Kevin Dalli** li rrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat li jiġi ibnu, u għażel li jixhidx sabiex ma jinkriminax ruħu *stante* li din il-Qorti kienet infurmata li ser joħorġu l-akkużi fil-konfront tiegħu;

Rat li fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2023, dehret il-Parte Civile **Rachel Muscat** li rrinunzjat għal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat, u din il-Qorti kienet infurmata li ma kienux ser jittieħdu proċedimenti fil-konfront tagħha;

Semgħet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, li bil-ġurament tagħhom jiddikjaraw illi:

**L-Ispettur Jessica Bezzina**[14] tixhed fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2024, li tispjega li fit-2 ta' Ġunju 2023 kienet infurmata minn PS 430, li kien mar fuq rapport li kien jinvolvi uffiċjal tal-Pulizija PC 363 Daniel Dalli, fejn PS 430 infurmaha li l-istess PC 363 kien involut f'rapport ta' Vjolenza Domestika bejnu, missieru Kevin u l-*partner* tiegħu, u li PC 363 kien allegatament qed jaġixxi b'tali mod li kien ta' periklu għalih innifsu u għal madwaru meta

[10] Ara Dok GG1 a fol 62 *et seq* tal-proċess
[11] Ara Dok GG2 a fol 65 *et seq* tal-proċess
[12] Ara Dok AMA1 a fol 69 *et seq* tal-proċess
[13] Ara Dok AA1 a fol 84 *et seq* tal-proċess
[14] Ara x-xhieda tagħha fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2024 a fol 53 *et seq* tal-proċess

saq b'mod perikoluż ġewwa Triq il-Kosta, Baħar iċ-Ċagħaq, u kien semma magħha wkoll li PC 363 kien għamel użu ħażin mis-sistema tal-Pulizija mill-Għassa ta' Tas-Sliema. PS 430 informa lix-xhud li r-rapport kellu r-referenza GHQ/GBDV/167/2023, filwaqt li rigward ir-rapport ta' sewqan perikoluż kellu r-referenza 10/POL/2703/2023, is-Surġent St. John informa lix-xhud li kien ħa lil PC 363 sabiex ikun invistat minn tabib ġewwa l-Mosta Health Centre minn Dr. Rebecca Xuereb bin-numru tar-Reġistru Mediku 6551 u ttieħed l-Isptar Mater Dei, fejn stqarr li PC 363 kien qallu li ried li jittieħed ġewwa l-Isptar Monet Carmeli b'mod volontarju. Il-każ dwar vjolenza domestika kienet infurmata bih l-Ispettur Audrey Micallef fejn ix-xhud ħadet l-Istqarrija li l-Ispettur ħadet fl-uffiċċju tagħha, u ċioe' l-Istqarrija datata l-14 ta' Ġunju 2023 fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, li fiha kien hemm preżenti l-Ispettur Audrey Micallef, ix-xhud, PS 2018, Daniel Dalli, Dr. Alfred Abela bħala l-Avukat tiegħu, fejn ingħata d-drittijiet kollha, u stqarr li dak iż-żmien kien stazzjonat ġewwa Tas-Sliema, imma joqgħod il-Mosta flimkien ma' missieru, il-*partner* tiegħu u m'oħtu ż-żgħira, fejn qalilhom li r-relazzjoni ma' missieru ma kienitx waħda stabbli u ġieli ġew fl-idejn fil-passat. Spjega magħhom li dakinhar tal-allegat inċident, u ċioe' fit-2 ta' Ġunju 2023 kien *off duty* u meta mar id-dar, kien sab il-kelba msakkra f'kamartu u anke sab xi affarijiet imqattgħin fil-kamra u qamet kommossjoni li fiha spiċċaw fl-idejn hu u missieru. Huwa nnega li qabad lil missieru minn għonqu u kien tah daqqiet bil-ponn. Qalilhom li kellu ċertifikat mediku li għamlu dakinhar stess tal-inċident, u naqas milli jwieġeb diversi domandi. Dwar l-aċċess ta' rapporti fuq is-sistema tal-Pulizija, kien mistoqsi jekk kellux xi *overtime* dakinhar tal-inċident, fejn wieġeb li ma kellux u kien mistoqsi dwar jekk f'xi ħin marx l-Għassa ta' Tas-Sliema, u għażel li ma jweġibx. Kien muri l-audits li ġabet l-Ispettur Audrey Micallef li juru biċ-ċar li Daniel Dalli kien aċċessa ż-żewġ rapporti. Fuq domanda tal-Qorti, ix-xhud tkompli tispjega li kull aċċess li jkun ir-Rapporti tal-NPS tal-Pulizija ikun *audited* u *recorded*, fejn tispjega li jekk hi taċċessa kwalunkwe rapport, jitniżżel li x-xhud aċċessat dak ir-rapport f'dik id-data u ħin, u żżid tgħid li kull Membru tal-Korp seta' jaċċessa kwalunkwe rapport minn kwalunkwe kompjuter tal-Korp, u tikkonferma li kull Għassa għandha aċċess għal kull rapport u dokument, anke jekk dawn ikunu f'Għases oħrajn, pero' għalkemm ma eskludietx li dan huwa l-każ, ma setgħetx tikkonferma jekk il-kompjuter li minnu jkun sar l-aċċess jitniżżilx ukoll fis-sistema tal-Korp. Tkompli tispjega li dan l-aċċess jinkludi wkoll dokumenti u dettalji ta' persuni involuti. Tixhed li l-*audits* in kwistjoni juru l-aċċess tar-rapport u li sar dakinhar

tat-2 ta' Ġunju 2023, fejn Daniel Dalli qal li ħa xi ritratti ta' dan ir-rapport permezz tal-*mobile* tiegħu u skontu, ma kienx jaf li qed jagħmel ħażin, għax ir-rapporti kienu fuqu stess u kienu jikkonċernaw nies li jaf. **F'dan l-istadju ix-xhud tindika lill-imputat fl-awla.** Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, ix-xhud għarfet l-Istqarrija rrilaxxjata mill-imputat fl-14 ta' Ġunju 2023 a fol 8 sa 12 tal-proċess, fejn għarfet il-firma tagħha, tal-Ispettur Audrey Micallef, tal-imputat Daniel Dalli, u ta' PS 2018;

**PS 2263 Gaynor Gambin**[15] li bil-ġurament tagħha tiddikjara li l-involviment tagħha kien li fl-14 ta' Ġunju 2023 kienet mitluba toħroġ żewġ *audit reports* li huma *Access Audit Report* mis-sistema tal-NPS dwar żewġ rapporti differenti. Tispjega li dawn l-*audits* juru liema *users* ikunu aċċessaw ir-rapport in kwistjoni, u tgħid li dawn jistgħu jinstabu kemm *by search* kif ukoll jekk ikunu qed jaħdmu fuq ir-rapport. Mistoqsija jekk kienitx taf fuq liema persuna kien intalab dan l-*audit*, ix-xhud tistqarr li ma kellhiex dik l-informazzjoni u li kellha numru ta' referenza biss. Fuq domanda tal-Prosekuzzjoni, ix-xhud tispjega li dan l-*audit* partikolari, għax hemm diversi *audits*, juri liema *user* ikun aċċessa rapport partikolari li joħroġ bin-numru tar-referenza tar-Rapport, fejn jingħata data u ħin li jkun sar l-aċċess u jiddettalja wkoll jekk ir-rapport kienx stampat. Iżżid tgħid li din id-*data* tinkludi wkoll minn liema kompjuter ikun sar dan l-aċċess. F'dan l-istadju ix-xhud tippreżenta żewġ *audits*, li huma mmarkati bħala Dok GG1 u Dok GG2;

**L-Ispettur Audrey Micallef**[16] li bil-ġurament tagħha tispjega l-kontenut ta' Dok AMA1, liema dokument huwa talba min-naħa tal-Pulizija li ssir meta jkun hemm bżonn dokumenti bħal *recordings* tas-*CCTV*, telefonata interna, jew bħalma seħħ f'dan il-każ, talba għal informazzjoni dwar Rapport tal-NPS, liema formola tikkonsisti fi tliet paġni, u l-aħħar paġna hija dik li tapplika għar-rikjesta mertu ta' dawn il-proċeduri. Tispjega li fiha hemm imniżżel id-data ta' meta l-imputat ikun daħal fis-sistema, u hemm indikat ukoll ir-referenza tal-NPS, li f'dan il-każ kienu 10/POL/2694/2023, GHQ/GBDV/1167/2023 u 10/POL/2703/2023, fejn hemm indikat isem, li f'dan il-każ kien tal-imputat. Tispjega wkoll li dan kien rikjest *ai fini* ta' investigazzjoni, kien iffirmat mix-xhud u l-formola ttellgħet

[15] Ara x-xhieda tagħha fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2024 a fol 57 *et seq* tal-proċess
[16] Ara x-xhieda tagħha fis-seduta tal-5 ta' Ġunju 2024 a fol 60 *et seq* tal-proċess

għand is-Supretendent tal-iStandards, u ċioe' s-Supretendent Graziella Muscat, li tiffirma l-formola u tagħti l-approvazzjoni tagħha sabiex tingħata l-informazzjoni meħtiega mingħandhom;

**L-Ispettur Audrey Micallef**[17] li għal darb' oħra bil-ġurament tagħha tiddikjara li fit-2 ta' Ġunju 2023, PC 2426 ħadet rapport mingħand ċertu Kevin Dalli li jiġi missier l-imputat u s-sieħba ta' missieru Rachel Muscat, fejn irriżulta li l-partijiet jirrisjedu fl-istess dar u ċioe' 7, Luce, Triq il-Feniċi, il-Mosta, fejn il-missier allega li kien ilu għaxar snin għaddej minn aċċidenti iżolati li kellhom x'jaqsmu ma' vjolenza domestika ma' ibnu Daniel Dalli. Tispjega li meta ttieħdet l-Istqarrija tiegħu, missieru allega li fl-1 ta' Ġunju 2023 għall-ħabta tad-21:30 l-imputat kien daħal id-dar biex jitma' l-kelba u nduna li kienet imsakkra fil-kamra tas-sodda tiegħu, fejn mid-dehra kien hemm ftehim li din il-kelba għandha tkun f'kamra imma, skont l-imputat, din kienet moħqrija u m'għandhiex tkun trattata hekk din il-kelba. Tkompli tispjega li nqala' argument bejn l-imputat u missieru, fejn kien hemm xi insulti u theddid fil-konfront tal-missier da parti tal-imputat u ta' missieru, u ħin minnhom inxtiegħlu l-i*speakers*, bil-konsegwenza li qamet it-tifla ż-żgħira li tiġi bint il-*partner* ta' missier l-imputat, u stqarr li kien qal xi kliem ħażin u dagħa, u missieru allega li l-imputat kien fiżikament ħebb għalih u pprovda ċertifikat mediku bi ġrieħi ħfief. Ix-xhud tkompli tispjega li mbagħad ittieħdet il-verżjoni ta' Rachel Muscat, li tiġi s-sieħba ta' missier l-imputat, fejn irriżulta li din il-verżjoni kkorroborat dik tal-missier, u stqarret li ħin minnhom anke hi ġarrbet xi ġrieħi ħfief, iżda hi ppruvat tferraq u kawża ta' dan, ġarbet xi ġrieħi wkoll. Għalhekk, tispjega x-xhud, fl-14 ta' Ġunju 2023, ix-xhud u l-Ispettur Jessica Bezzina mill-*Professional Standards* ħadu l-Istqarrija tal-imputat fil-presenza tal-Avukat tiegħu Dr. Alfred Abela, fejn tispjega li din ittieħdet b'mod konġunt peress li kellhom rapport li l-imputat, li dak iż-żmien kien Kuntistabbli fil-Korp tal-Pulizija bin-numru PC 363, kien għamel aċċess fis-sistema tal-NPS u għalhekk, sforz ir-regoli stretti li hemm fuq dan l-aċċess minħabba d-*Data Protection Act*, din l-informazzjoni għaddiet għand tal-*Professional Standards* u tal-*IT* u rriżulta li l-imputat għamel aċċess fuq is-sistema tal-NPS darbtejn f'ħinijiet differenti, liema aċċessi x-xhud tispjega li huma esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri. Tispjega li l-imputat ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija, fejn qalilhom li r-

[17] Ara x-xhieda tagħha fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2024 a fol 75 *et seq* tal-proċess

relazzjoni tiegħu mas-sieħba ta' missieru hija waħda tajba u ddiskriviha bħala persuna li tmur għandha meta jkollu xi problemi, imma rigward missieru, l-imputat stqarr mal-Pulizija li l-problemi kienu ilhom għaddejin. Rachel kienet issuġġeriet li jippruvaw jagħtuh l-għajnuna iżda dan kien għalxejn. Ix-xhud tkompli tispjega li l-imputat stqarr magħhom li kien ħass ħafna t-tibdil kontinwu f'ħajtu, fosthom is-separazzjoni bejn ommu u missieru. Il-*partner* il-ġdid ta' missieru u anke l-fatt li fl-istess dar kienet tgħix bint il-*partner*, li ma tiġix oħt l-imputat u dan it-tibdil kollu, l-imputat ma setgħax jassorbieh mal-ewwel. Tispjega li meta staqsewh jekk kienx xogħol fit-2 ta' Ġunju 2023, qalilhom li dakinhar kien *off duty*, u qalilhom ukoll li kkonferma li daħal f'dawn ir-rapporti, pero' sostna li ma kienx jaf li qed jagħmel ħażin għaliex dawn ir-rapporti kienu jirrigwardaw lilu biss u qal li jaf kemm lil Kevin u anke lil Rachel u kien tal-fehma li ma kien qed jikser l-ebda protezzjoni tad-*data*. Stqarr li ħa *screenshot* ta' rapport wieħed, pero' ma kienx jaf ħax tnejn iżda ammetta li kien ħa ta' wieħed żgur. Ix-xhud tispjega li dakinhar tal-argument kien hemm rapport ieħor, fejn l-imputat qal xi kliem fil-konfront tat-tfajla tiegħu, liema kliem kien naqra preokkupanti, u ċioe' li ser iweġġa' lilu nnifsu, u sar rapport fl-Għassa tal-Mosta sabiex ikun imfittex ħalli ma jmurx jagħmel xi ħaġa lilu nnifsu. In kontro-eżami, ix-xhud tikkonferma li meta uffiċjal tal-Pulizija jingħata l-ġurament tal-ħatra fil-Pulizija, jingħata *password* sabiex jaċċessa s-sistema tal-NPS, u tikkonferma li permezz ta' dan il-*password* Membru tal-Korp tal-Pulizija jkun jista' jaċċessa r-rapporti ta' Malta kollha, pero' żżid tgħid li hemm limitu għal dan, u dan fis-sens li wieħed ma jistax jiċċekkja affarijiet li m'għandux għalfejn jarahom. Ix-xhud tispjega li fil-fatt meta wieħed jiċċekkja fuqu nnifsu, hemm *drop down menu* fejn trid tingħata raġuni għalfejn ikun ser isir dak l-aċċess. Ix-xhud ma setgħetx tikkonferma jekk meta wieħed idaħħal *username* u *password* kienx hemm *drop down menu* peress li għadda ż-żmien, pero' ssostni li meta Membru tal-Korp jidħol bil-*username* tiegħu, ser jidher fl-*audit* fi x'ħin ikun sar l-aċċess u fuq liema rapporti ikun daħal, sew jekk ikunx sar xi aġġornament, jekk ikunx tħassar xi ħaġa jew jekk stampax xi ħaġa. Fuq domanda tad-Difiża, x-xhud tikkonferma li kien sar aċċess da parti tal-imputat permezz tal-*username* tiegħu;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-każ;

Rat li din il-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

**<u>Ikkunsidrat:</u>**

L-imputat kien mixli talli fil-ġranet ta' bejn l-01 ta' Ġunju 2023 u t-02 ta' Ġunju 2023 fil-ħinijiet ta' bejn is-07:00PM u s-02:00AM rispettivament, ġewwa l-Mosta u f'diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' missieru **Kevin Dalli** f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' natura ħafifa fuq il-persuna ta' missieru l-istess **Kevin Dalli** hekk kif iċċertifikat Dr. Alec Mifsud (M.D. 3421) miċ-ċentru tas-saħħa tal-Mosta;

2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tas-sieħba ta' missieru **Rachel Muscat** f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fis-saħħa jew fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe' offiża ta' natura ħafifa fuq is-sieħba ta' missieru u ċioe' l-istess **Christine Spiteri** li tirrisjedi fl-istess residenza mal-imputat, u hekk kif iċċertifikaha Dr. Alec Mifsud (M.D. 3421) miċ-ċentru tas-saħħa tal-Mosta;

3. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-kodiċi kriminali lil missierek, u ċioe' **Kevin Dalli** jew, jekk kont ipprovokat, inġurjat b'mod li ħriġt barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

4. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-kodiċi kriminali lis-sieħba ta' missierek u ċioe' **Rachel Muscat**, jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

5. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, heddidt li tagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li ġġiegħel tagħmel xi ħaġa jew għamilt użu ieħor mhux xieraq bih;

U aktar talli nhar it-02 ta’ Ġunju 2023, minn ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta’ San Ġiljan u/jew minn ġewwa Għases tal-Pulizija f’dawn il-Gżejjer, mingħajr awtorizzazzjoni:

6. Uża kompjuter jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex daħal f’data jew dokumentazzjoni ta’ appoġġ li jinżammu f’dak il-kompjuter, u/jew uża, ikkopja data, u/jew dokumentazzjoni ta’ appoġġ;

7. Għamel output ta’ data, jew dokumentazzjoni ta’ appoġġ mill-kompjuter li jkunu qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn jittellgħu xbieha jew b’kull mod ieħor li jkun;

8. Ħa fil-pussess tiegħu xi data, software, jew dokumentazzjoni ta’ appoġġ, jew għamel użu minnhom;

9. Bħala uffiċċjal pubbliku jew impjegat pubbliku, għamilt reat li kellek id-dmir li tissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħek id-dmir li timpedixxi li jsir.

***L-Ewwel u t-Tieni Imputazzjoni – Offiża Volontarja fuq il-Persuna ta’ Natura Ħafifa fil-konfront ta’ Kevin Dalli u Rachel Muscat***

Minn eżami tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, u ċioe’ dawk ta’ ġrieħi ħfief fuq il-persuna ta’ **Kevin Dalli** u **Rachel Muscat**, il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 221(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, li jipprovdi s-segwenti:

***(4) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikoli (1) u (3), ma jittieħed ebda proċediment ħlief bil-kwerela tal-parti offiża, minnbarra minn meta l-offiża ssir fuq waħda mill-persuni msemmijin fl-artikolu 222(1)(a) u (b).***

Filwaqt li ż-żewġ imputazzjonijiet jittrattaw fuq l-istess reat, jirriżulta li l-ewwel imputazzjoni hija prosegwibbli *ex officio* mill-Pulizija Eżekuttiva, u dan peress li l-persuna tal-missier, u ċioe’ l-*Parte Civile* **Kevin Dalli**, huwa axxendent tal-imputat hekk kif

imsemmi fl-Artikolu 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[18] li, minn eżami tal-Artikolu preċedenti, jirrendi ruħu bħala eċċezzjoni għar-regola stabbilita fl-istess Artikolu. Madankollu, *stante* li kif imsemmi, l-istess *Parte Civile* għażel li ma jixhidx dwar il-mertu ta' dawn il-proċeduri għaliex wera x-xewqa li jaħfer lil ibnu, kif ukoll sabiex ma jinkriminax ruħu fi proċeduri li sa dakinhar tax-xhieda tiegħu fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2023 kienu għadhom ser jittieħdu fil-konfront tiegħu, din il-Qorti hija sprovvista mill-prova reġina neċessarja sabiex tistabbilixxi n-ness bejn l-imputat u din l-imputazzjoni, u għaldaqstant tqis li l-ewwel imputazzjoni ma kienitx ipprovata sal-grad rikjest;

A rigward it-tieni imputazzjoni, u ċioe' dik ta' offiża volontarja ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' **Rachel Muscat**, li tiġi s-sieħba tal-*Parte Civile* **Kevin Dalli**, *stante* li fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2023, bil-ġurament tagħha għażlet li tirrinunzja għal dak kollu li huwa rinunzjabbli, li jinkludi din l-imputazzjoni, kif ukoll għaliex l-istess imputazzjoni tirrinkwadra ruħha fid-dettami tal-Artikolu 221(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ma tirrinkwadrax ruħha fl-eċċezzjoni msemmija fl-Artikolu 222(1)(a) tal-istess Kapitolu. Naturalment mingħajr ix-xhieda tagħha fuq din l-istess imputazzjoni għal darb'oħra din il-Qorti hija sprovvista mill-prova reġina neċessarja sabiex tistabbilixxi n-ness bejn l-imputat u din l-imputazzjoni, u għaldaqstant tqis li t-tieni imputazzjoni ma kienitx ipprovata sal-grad rikjest;

***It-Tielet Imputazzjoni u r-Raba' Imputazzjoni – Inġurji u Theddid fil-konfront ta' Kevin Dalli u Rachel Muscat***

Dwar dawn l-imputazzjonijiet, din il-Qorti tosserva li bħalma ntqal in kwantu għal-ewwel u t-tieni imputazzjoni, il-partijiet leżi għażlu li jirrinunzjaw għal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputat, li għalhekk jirrinkwadra ruħu f'dak li jintqal fl-Artikolu 339(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi s-segwenti:

[18] 222.(1) Il-pieni msemmijin fl-artikoli 216, 217, 218 u 220, u fis-subartikoli (1) u (2) tal-aħħar artikolu qabel dan, jiżdiedu bi grad meta l-offiża ssir –
(a) fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri jew ta' axxendent ieħor leġittimu u naturali, jew fuq il-persuna tal-aħwa, bniet jew subien, leġittimi u naturali, jew fuq il-persuna ta' wieħed mill-konjuġi, jew fuq il-persuna ta' wieħed mill-ġenituri naturali, jew fuq xi persuna msemmija fl-artikolu 202(h);

***(2) Fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(d), (e), (l) u (o), ma tittieħed ebda proċedura jekk mhux bil-kwerela tal-parti.***

Tenut kont id-dettami ta' dan l-Artikolu, *stante* d-dikjarazzjoni tal-partijiet leżi **Kevin Dalli** u **Rachel Muscat li rrinunzjaw għal dak kollu li hu rinunzjabbli u ma xehdux fil-mertu**, din il-Qorti hija sprovvista għal darb'oħra mill-prova reġina neċessarja sabiex tistabbilixxi n-ness bejn l-imputat u dawn l-imputazzjonijiet, u għaldaqstant tqis li t-tielet u r-raba' imputazzjonijiet ma kienux ipprovati sal-grad rikjest;

***Il-Ħames Imputazzjoni – Użu ta' Apparat ta' Komunikazzjoni Elettronika biex isir Theddid***

A rigward din l-imputazzjoni, din il-Qorti għal darb' oħra tagħmel referenza għad-dikjarazzjonijiet magħmula mill-partijiet leżi f'dawn il-proċeduri, fejn kemm il-*Parte Civile* **Kevin Dalli** kif ukoll il-*Parte Civile* **Rachel Muscat** għażlu li ma jixhdux f'dawn il-proċeduri u rrinunzjaw għal dak kollu li hu rinunzjabbli. Il-partijiet leżi kienu l-uniċi persuni li setgħu jagħtu prova ċara lil din il-Qorti dwar l-allegat theddid fil-konfront tagħhom iżda kif ingħad aktar 'il fuq, għażlu li ma jixhdux u konsegwentement din il-Qorti hija sajma minn kull informazzjoni relattiva għall-istess imputazzjoni. Din il-Qorti tirrileva wkoll li ma kienet ippreżentata ebda prova oġġettiva rigward din l-imputazzjoni inkluż xi prova tal-użu mhux xieraq hekk kif allegat f'din l-imputazzjoni. Konsegwentement din il-Qorti tqis li hija sprovvista mill-prova reġina sabiex tiddetermina n-ness bejn l-imputat u din l-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu. Fid-dawl tal-mankanza ta' dawn il-provi, din il-Qorti ma tistax tqis li din l-imputazzjoni kienet ipprovata sal-grad rikjest;

***Is-Sitt, Is-Seba' u t-Tmien Imputazzjoni – Aċċess mhux leġittimu għall-informazzjoni jew użu tagħha***

Dawn l-imputazzjonijiet jiċċentraw fuq l-allegazzjoni li l-imputat uża l-kont tiegħu bħala Membru tal-Korp tal-Pulizija sabiex jaċċessa rapporti fuq is-sistema tal-NPS fir-rigward tiegħu u tal-partijiet leżi. L-Artikolu kkwotat mill-Prosekuzzjoni fir-rigward ta' dawn l-

imputazzjonijiet huwa l-Artikolu 337Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jiddisponi s-segwenti:

***337Ċ. (1) Persuna li mingħajr awtorizzazzjoni[19] tagħmel xi wieħed minn dawn l-attijiet li ġejjin tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu –***

***(a) tuża computer jew xi tagħmir jew apparat ieħor biex tidħol f'xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li jinżammu f'dak il-computer jew f'xi computer ieħor, jew tuża, tikkopja jew timmodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk;[20]***

***(b) tagħmel output ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ mill-computer li jkunu qegħdin jinżammu fih, sew billi dawn jittellgħu bi xbieha jew b'kull mod ieħor li jkun;[21]***

***(ċ) tikkopja kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ għal kull medjum ta' ħżin li ma jkunx dak li soltu jinżamm fih jew għal mkien differenti fil-medjum ta' ħżin fejn soltu jinżamm;***

***(d) tipprevjeni jew tostakola d-dħul għal xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ;***

***(e) tipprevjeni jew tostakola l-funzjonament jew t-tħaddim ta' xi sistema ta' computer, software jew l-integrità jew affidabilità ta' xi data;***

***(ee) tfixkel jew tinterrompi l-funzjonament ta' sistema tal-informatika, billi tiddaħħal data fil-computer, billi tittrassmetti, tagħmel ħsara, tħassar, tiddeterjora, tibdel jew iżżomm lura data bħal din jew billi tirrendiha inaċċessibbli;***

---

[19] Emfasi tal-Qorti
[20] Emfasi tal-Qorti
[21] Emfasi tal-Qorti

*(f) tieħu pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew tagħmel użu minnhom;*[22]

*(g) tinstalla, tneħħi, tbiddel, tagħmel ħsara, tħassar, tiddeterjora, trażżan, teqred, tvarja jew iżżid ma' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ jew tirrendi data bħal din inaċċessibbli;*

*(h) tiżvela xi password jew kull mod ieħor ta' dħul, kodiċi ta' dħul jew xi tagħrif ieħor dwar kif isir id-dħul lil xi persuna mhux awtorizzata;*

*(i) tuża l-kodiċi ta' dħul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz ieħor ta' dħul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' xi persuna oħra f'computer jew b'xi mod tikser kwalunkwe miżura ta' sigurtà sabiex takkwista aċċess mingħajr awtorizzazzjoni għas-sistema tal-informatika kollha jew parti minnha;*

*(j) tikxef xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ kemm-il darba dan ma jkunx meħtieġ fil-qadi ta' dmirijietha jew b'xi liġi oħra;*

*(k) tinterċetta b'mezzi tekniċi, transmissjonijiet ta' data mhux pubbliċi, lil, minn jew ġo sistema tal-informatika jew sistema ta' computer, inkluż emissjonijiet elettromanjetiċi minn sistema tal-informatika jew sistema ta' computer li tkun iġġorr dik id-data tal-computer;*

*(l) tipproduċi, tbiegħ, takkwista għal użu, timporta, tqassam, tkun fil-pussess jew xort'oħra tagħmel disponibbli mezz, inkluż program ta' computer, ddsinjat jew adattat primarjament bil-għan li jitwettqu kwalunkwe mill-atti fil-paragrafi (a) sa (k) jew password tal-computer, kodiċi ta' aċċess, jew data simili b'liema parti jew is-sistema tal-informatika sħiħa tkun kapaċi tiġi aċċessata.*

[22] Emfasi tal-Qorti

Dan l-Artikolu għandu jinqara flimkien mal-Artikolu 337Ċ(2) tal-istess Kapitolu, li jiddisponi s-segwenti:

***(2) Għall-għanijiet ta' dan is-Sub-titolu:***

***(a) persuna titqies li taġixxi mingħajr awtorizzazzjoni jekk ma tkunx <u>debitament awtorizzata minn persuna intitolata</u>[23];***

***(b) persuna titqies bħala persuna intitolata jekk il-persuna nnifisha jkollha jedd tikkontrolla l-attivitajiet imfissra fis-subartikolu (1)(a) sa (k) jew fl-artikolu 4(a) u (b) ta' dan is-Sub-titolu.***

F'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni tiffoka t-teżi tagħha fuq id-dettami tal-Artikolu 337Ċ(1)(a), l-Artikolu 337Ċ(1)(b) u l-Artikolu 337Ċ(1)(f), fejn il-qofol ta' dawn l-Artikoli hu li dan sar mingħajr awtorizzazzjoni. Dwar dan, hekk kif joħroġ mill-kontro-eżami tal-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Audrey Micallef u mix-xhieda tal-Ispettur Jessica Bezzina, jidher li meta Uffiċjal tal-Korp tal-Pulizija jieħu l-ġurament tal-ħatra tiegħu, jingħata *username* u *password* li permezz tagħha, dak l-Uffiċjal tal-Korp tal-Pulizija jingħata l-fakolta' li jaċċessa s-sistema tal-NPS ma' Malta kollha, u ċioe' kull rapport li jifforma parti mill-istess sistema;

Minn dak li joħroġ fit-trattazzjoni finali ta' din il-kawża, it-teżi tad-Difiża hi li peress li l-imputat, bħala Membru tal-Korp tal-Pulizija, kien awtorizzat sabiex jaċċessa l-informazzjoni li kien hemm fis-sistema tal-NPS, li tinkludi fiha r-rapporti imsemmija aktar 'il fuq, tikkontendi li f'dan il-każ ma kienx kommess reat, u li *se mai*, kellhom jittieħdu passi dixxiplinarji fil-konfront tal-imputat aktar milli passi kriminali.

Għalhekk f'dan l-istadju din il-Qorti trid tevalwa jekk dak li għamel l-imputat (u li fl-istqarrija tiegħu l-istess imputat jammetti li fattwalment għamel), u ċioe' li aċċessa informazzjoni dwar investigazzjonijiet li jinvolvu lilu nnifsu u lill-partijiet leżi **Kevin Dalli** u

---

[23] Enfasi tal-Qorti

**Rachel Muscat**, huwiex reat kriminali, jew jekk huwiex biss każ ta' abbuż ta' poter li jimmerita passi dixxiplinarji fil-konfront tal-imputat;

Bħalma ntqal aktar 'il fuq, il-kunċett ċentrali għal dan huwa jekk l-aġir tal-imputat kienx b'awtorizzazzjoni minħabba l-kariga tiegħu, jew inkella mingħajr awtorizzazzjoni. Dwar dan il-punt, id-Difiża tissottometti li *stante* li l-imputat kellu awtorizzazzjoni li jaċċessa s-sistema tal-NPS meta ħa l-ġurament tiegħu bħala Uffiċjal fil-Korp tal-Pulizija, il-fatt li aċċessa r-rapporti mertu ta' dawn il-proċeduri ma jfissirx li kien kommess reat kif ravviżat fl-Artikolu 337Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'dan is-sens tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>The Police (Inspector Daniel Zammit) v. Roswitha Marion Lehner</u>**[24], fejn il-Qorti diversament presjeduta issostni s-segwenti:

***Matthew Richardson in his book titled Cyber Crime – Law and Practice lays down which are the elements of this offence in the UK and says:***

***"The actus reus of the offence under section 1 of the CMA 1990 is substantiated by causing a computer to perform 'any function' in order to secure access to it. In practice, therefore, the actus reus can be substantiated by relatively innocuous acts. . .***

***Given the common sense meaning of section 1(1) of the CMA 1990 read alongside the interpretative provisions in section 17(2)(c) and (3), a simple act such as opening of a file on a computer can substantiate the offence, even if it is not apparent what (if any) data the file may contain.***

***The broad scope of the actus reus of the offence under section 1 of the CMA 1990 was illustrated in Ellis v. DPP (No. 1) [2001] EWHC 362 (Admin), in which the appellant appealed by way of case stated three convictions under section 1 for using non-open access computer facilities at a university. As a graduate of the university, the***

---

[24] Kumpilazzjoni Nru. 1317/2012, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mill-Maġistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LL.D. nhar l-24 ta' Settembru 2018

***appellant had been authorized to use only the open access computer facilities at the university (such authorization did not extend to the restricted access facilities). The appellant was able to use the non-open access computers by using terminals which had been logged on to the accounts of bona fide authorized users. He admitted using those computers to browse the internet. Whilst the appellant did not make representations at appeal, it is noted in the judgment that the appellant in his police interview equated such use to picking up and reading someone's discarded newspaper. A skeleton argument submitted by the appellant earlier in the proceedings argued that the browsing did not constitute the 'use' of the computers for the purposes of the CMA 1990 as the appellant had browsed already activated sites, i.e. that he had merely pressed the 'back' button on the internet browser. This argument did not find favour with the Administrative Division and the Appeal was dismissed".***

***As regards the mens rea required for these types of offences, the UK legislation requires the intention by the perpetrator to secure unauthorized access to a computer and cannot be made out of mere recklessness. This act must be made with the specific knowledge that access is unauthorized.***

***As regards the term "unauthorized", there may be cases where the entire computer system may be unauthorized or where only access to some programs may be authorized and others not. In the illustration by Matthew Richardson quoted earlier in this judgment, reference was made to the case DPP v. Bignell[25] where two police officers successfully appealed their convictions where they had been originally charged for using the Police National Computer for personal purposes where normally they are only allowed to use for police purposes. The Administrative Division ruled that respondents had had the authority to access the data even though they did not do so for an authorized purpose. In fact the same UK court held the following:***

[25] 1998, 1 Cr App R 1

***"Section 17(5)(a) makes access unlawful provided a person is not entitled to control access set out in section 17(5)(a) and who does not have consent to access of one of the kinds set out in section 17(2)(a) to (d) from any person who is so entitled. If, as the appellant submits, the Commissioner alone has control access, the consent given by him to the respondents to access the computer at the point of entry for any of the kinds set out in section 17(2)(a) to (d), provides them with a defence by virtue of section 17(5)(b) even if the access is for an unlawful purpose. A person does not have control access but who accesses a computer at the point of entry does not commit an offence under section 1 of the Computer Misuse Act if he obtains access of any of the kinds set out in section 17(2)(a) to (d) and he has the consent to do so of a person having control access".***[26]

Dwar dan, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmelo Calleja**[27], fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) sostniet is-segwenti:

***38. Il-kunċett ta' 'computer misuse' taħt il-Liġi Ingliża u dik Amerikana isib xebħ mar-reat ta' 'użu ta' komputer mhux awtorizzat' fil-Liġi Maltija, għalkemm il-Liġi Maltija hija ispirata minn diversi sorsi tant li la hi identika għal dik Ingliża u l-anqas għal dik Amerikana. Il-Liġi Maltija hija miktuba b'mod aktar wiesa' billi tipprovdi mhux biss għal atti ta' hacking minn persuni minn barra organizzazzjoni - outside hackers - iżda wkoll fiha l-ingredjenti ta' computer fraud minn dawk riferiti bħala inside hackers b'dak li s-sentenza Grima***[28] ***msemmija iżjed il-fuq issejjaħ bħala: "unauthorised use of authorised access". B'hekk tkun tirriżulta l-ħtija meta l-awtur tar-reat jikseb aċċess sabiex jottjeni informazzjoni kunfidenzjali għal użu ħażin jew skopijiet mhux leġittimi. Iżda fis-sistema Ingliż, il-kliem tal-Liġi għalkemm jixbaħ lil dak Malti, huwa ffukat l-iżjed fuq il-kunċett tal-aċċess mhux awtorizzat għal informazzjoni kontenuta f'computer.***

**...**

[26] DPP v. Bignell [1998] 1 Cr App R 1, per Astill J 12-13.
[27] Appell Nru. 129/2020, deċiż nhar is-26 ta' Settembru 2023 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja LL.D.
[28] Appell Nru. 403/2016, deċiż nhar is-26 ta' Ġunju 2019 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima

***...Il-Liġi Maltija teżiġi l-awtorizzazzjoni tal-persuna intitolata – iżda l-enfażi tal-Liġi Maltija mhix daqstant il-kwistjoni tal-aċċess għall-kompjuter per se, daqskemm l-awtorizzazzjoni biex jitwettqu ċerti azzjonijiet imsemmija speċifikament fil-Liġi u li jikkostitwixxu reat kriminali fil-każ li dawn isiru mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-persuna intitolata. Filwaqt li l-Liġi ma tiddefinix jew tiddelimita jew tispeċifika kif tista' tingħata l-awtorizzazzjoni, mill-banda l-oħra tispjega meta persuna titqies li aġixxiet mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa. Imbagħad hemm il-kunċett li, kif is-sentenza Grima[29] turi, <u>persuna tista' wkoll teċċedi l-limiti tal-awtorizzazzjoni li tkun ingħatat billi tagħmel użu mhux awtorizzat ta' informazzjoni li jkollha awtorizzazzjoni għall-aċċess għaliha</u>[30].***

***48. Aktar minn hekk hemm imbagħad l-effett tal-artikolu 337F(6) tal-Kodiċi Kriminali fuq il-proċedura penali kollha fejn allura l-oneru li tinġieb prova dwar awtorizzazzjoni bħal dik ikun jinkombi fuq il-persuna li tkun qed tallega li għandha dik l-awtorizzazzjoni: Iżda dan l-oneru ma għandux jitqies bħala li jkun tneħħa biss bix-xiehda mhux korroborata tal-persuna akkużata.***

***49. Il-Liġi Maltija tippenalizza l-azzjoni ta' kull persuna li mingħajr awtorizzazzjoni tal-persuna intitolata tagħmel xi wieħed mill-atti msemmija fl-artikolu 337Ċ tal-Kodiċi Kriminali. Biex persuna tkun tenuta passibbli u responsabbli bi ksur ta' din il-Liġi trid tiġi pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li hija <u>intenzjonalment</u> wetqet xi wieħed mill-atti imsemmija f'dan l-artikolu 337Ċ(1) tal-Kodiċi Kriminali <u>mingħajr awtorizzazzjoni tal-persuna intitolata</u>. Il-Liġi tqis li l-persuna intitolata trid tkun persuna li jkollha l-jedd li hi innifisha tikkontrolla l-attivitajiet u l-atti mfissra fl-artikolu 337Ċ(1)(a) sa (f) tal-Kodiċi Kriminali.***

---

[29] Appell Nru. 403/2016, deċiż nhar is-26 ta' Ġunju 2019 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima
[30] Emfasi tal-Qorti

*In oltre*, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Justin Camilleri) v. Roderick Sammut**[31], fejn il-Qorti diversament presjeduta għamlet referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Leeroy Balzan**[32], fejn sostniet is-segwenti:

***Issa s-sub-titolu V għat-Titolu IX tal-Kodiċi Kriminali ġie introdott fis-sistema penali tagħna permezz ta' l-Att VII tas-sena 2010 u emendat b'Att VIII tas-sena 2015, liema liġi ġiet immodellata fuq il-*****Computers Misuse Act 1990** ***ta' l-Ingilterra. Issa din il-liġi kellha l-għan li tirregola tlett tipi ta' reati u ċioe':***

***1. L-aċċess mhux awtorizzat ta' materjal li jinsab f'kompjuter.***
***2. L-aċċess mhux awtorizzat bl-intenzjoni illi jiġi faċilitat l-kummissjoni ta' reati oħra.***
***3. It-tibdil jew modifikazzjoni ta' materjal mhux awtorizzat.***
***Illi dan ifisser illi l-għan tal-liġi kienet waħda u cioe' li tissanzjona kull aċċess mhux awtorizzat ta' materjal/data li jinsab/tinsab maħzun/a f'sistema komputerizzata.***
**….**
***Illi l-aċċess mhux awtorizzat ġie spjegat mill-awturi ingliżi hekk:*** **"Access of any kind by a person is unauthorised if he is not entitled to control access of the kind in question to the program or data and he does not have access of the kind in question to the program or data and he does not have consent to such access from any person who is so entitled."** **Blackstone** ***fil-ktieb tiegħu intitolat*** **Criminal Practice** ***jiddiskrivi dan l-*****unauthorised access** ***billi jipprovdi is-segwenti:*** **"Access of any kind by any person to any program or data held in a computer is unauthorised if (a) he is not himself entitled to control access of the kind in question to the program or data and (b) He does not have consent to access by him of the kind in question to the program or data from any person who is so entitled"** ***Infatti fil-ktieb intitolat*** **Computer Law** ***ippublikat minn*** **Reed** ***u*** **Angel** ***b'referenza għal*** **Computer Misuse Act** ***tar-Renju Unit, jingħad hekk:*** **"First, there must be 'intent to secure access to any program or data held in any computer. . . . Second, the person must know at the time that he commits**

[31] Kumpilazzjoni Nru. 407/2017, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mill-Maġistrat Dr. Donatella Frendo Dimech LL.D. nhar id-29 ta' April 2019
[32] Appell Nru. 124/2017, deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D. nhar is-26 ta' Ottubru 2017, paġna 13-14

**the actus reus that the access he intends to secure is unauthorised. The intent does not have to be directed at any particular program.*”***

***Mela bl-applikazzjoni ta' dan l-insenjament ta' dritt* a contrario senso *ma jistax jingħad illi l-PC978 għamel użu mhux awtorizzat tal-kompjuter jew għal ta' l-inqas li kellu l-intenzjoni li jikseb aċċess mhux awtorizzat għal kompjuter ġjaldarba huwa kiseb il-kunsens preventiv tas-superjur tiegħu u ċioe' l-appellanti sabiex jaċċessa l-istess, billi dan għaddhielu l-*username *u* password *tiegħu.***

***Illi l-element formali tar-reat, mid-diċitura tal-liġi, <u>tidher illi hija l-intenzjoni illi l-awtur tar-reat jagħti informazzjoni sabiex persuna taċċedi għal xi sistema komputerizzata u tikseb informazzjoni b'mod klandestin u allura meta ma għandhiex il-permess ufficjali jew approvazzjoni u kunsens tikseb aċċess ghal dina l-informazzjoni</u>*[33]...**

***Illi din tidher illi hija l-interpretazzjoni li ingħatat ukoll mill-qrati Ingliżi f'dawk il-kawżi li jkunu jitrattaw dak li huma isejjħu bħala* “insider unauthorised use of authorised access” *fejn allura ġie deċiż illi <u>jkun hemm il-ħtija meta il-pulizija li jikseb dak l-aċċess jagħmlu sabiex jottjeni informazzjoni uffiċjali u kunfidenzjali għal korp għall-użu jew skopijiet personali tiegħu u ċioe' meta jkun hemm l-użu ħażin tal-informazzjoni maħżuna fil-kompjuter</u>[34] u mhux meta l-użu jkun wieħed leġittimu bħal f'dan il-każ.***

***Illi l-*Blackstone *jgħid hekk fuq l-intenzjoni meħtieġa fir-reati ta' użu ħażin ta' kompjuter:***

**“There are two limbs to the mens rea of the offence. The first limb is the intent to secure access to any program or data held in any computer. .... <u>Recklessness is insufficient; still less would careless or inattentive accessing of the computer</u>**

[33] Emfasi tal-Qorti
[34] Emfasi tal-Qorti

**suffice for liability.[35] The second limb is that the accused must know at the time when he causes the computer to perform the function that the access which he intends to secure is unauthorised. The prosecution must prove both limbs.**[36]**"**

***Illi għalkemm dan il-każ jitratta sitwazzjoni fejn l-appellanti li kellu aċċess awtorizzat ta' aċċess lil persuna oħra bl-użu tal-password personali tiegħu, madanakollu l-intenzjoni kif spjegata minn dan l-awtur eminenti xorta waħda trid tirriżulta u ċioe' kif jispjega huwa stess, irid ikun hemm l-intenzjoni illi jingħata fl-ewwel lok l-aċċess u ukoll abbinat ma' dan l-għarfien illi dak l-aċċess li qed jingħata huwa wieħed mhux leġittimu.***

**……**

***mal-mument tal-għoti tal-ġurament tal-ħatra u tan-numru li jidentifika il-pulizija, dan awtomatikament jikseb id-dritt li jaċċessa is-sistema tal-kompjuter, kif ingħad, u allura hemm jibda il-proċess biex jingħata l-mezzi biex ikun jista' juża dik is-sistema.***

Tenut kont dan l-insenjament kollu, u minn eżami tal-provi prodotti, din il-Qorti qiegħda tislet dawn il-konklużjonijiet:

1. Fl-ewwel lok, huwa fatt mhux ikkontestat li l-imputat fiż-żmien tar-reati in deżamina kien membru fi ħdan il-Korp tal-Pulizija, bin-numru tas-servizz PC 363;

2. Fit-tieni lok, huwa fatt mhux ikkontestat li meta l-imputat ħa l-ġurament tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Korp tal-Pulizija ingħata *username* u *password* li permezz tiegħu seta' jaċċessa s-sistema tal-NPS u jużahom fil-qadi ta' dmirijietu bħala uffiċjal pubbliku inkarigat mil-Liġi għal skopijiet ta' infurzar tal-istess Liġi;

3. Fit-tielet lok, joħroġ lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat aċċessa s-sistema tal-NPS sabiex jara r-rapporti bir-referenza 10/POL/2694/2023 u GHQ/GBDV/1167/2023, li huma żewġ rapporti li jikkonċernaw lilu nnifsu bħala l-

[35] Emfasi tal-Qorti
[36] Emfasi tal-Qorti

persuna relatata, liema prova toħroġ senjatament mill-Istqarrija rrilaxxjata minnu stess u mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni l-Ispettur Audrey Micallef, l-Ispettur Jessica Bezzina u PS 2263 Gaynor Gambin, u l-*Access Audit Report* relatat mar-rapport bir-referenza 10/POL/2694/2023, fejn fl-Istqarrija tiegħu l-imputat jammetti li aċċessa r-Rapport imsemmi, wasal għar-Rapport tal-NPS relatat u ċioe' dak bir-referenza GHQ/GBDV/1167/2023 minn dak ir-rapport, kif ukoll li ħa ritratti ta' wieħed minnhom, fejn meta kien mistoqsi għalfejn għamel hekk, wieġeb li dan kien għaliex ma kienx jaf x'kien ġara bir-rapport li kienu għamlu missieru u l-*partner* tiegħu u sostna li ma kien ra xejn ħażin b'li għamel peress li kien rapport li kien involut fih hu u li kien jirrelata dwar persuni li kien jaf, u ċioe' l-*Parte Civile* **Kevin Dalli** u l-*Parte Civile* **Rachel Muscat**, u għalhekk skontu ma kienx hemm ksur tar-regolamenti dwar il-Protezzjoni tad-*Data* pero' din il-Qorti tara li xorta waħda kien konxju mill-fatt li ma kellu l-ebda awtorizazzjoni sabiex jaċċedi għal tali rapporti u kif ingħad aktar 'il fuq, l-istess imputat ma ressaq ebda prova li ingħata tali awtorizazzjoni;

4. Fir-raba' lok, dan l-aċċess, filwaqt li huwa minnu li membru tal-Korp tal-Pulizija jista' permezz tal-*account* tiegħu jaċċessa kull rapport fis-sistema tal-NPS, ċertament ma kellux l-awtorizzazzjoni sabiex jaċċedi għar-rapporti imsemmija la mis-superjuri tiegħu, u wisq anqas mill-Ispettur Audrey Micallef u l-Ispettur Jessica Bezzina li bħala Uffiċjali Investigattivi, kienu huma l-persuni intitolati li jirregolaw l-aċċess, u dan biex ma jingħad xejn dwar il-kunflitt ta' interess qawwi li kien jirriżulta li kieku ingħatalu dan l-aċċess, apparti r-ritratti li jammetti li ħa ta' dawn ir-rapporti (għalkemm tali ritratti qatt ma ġew esebiti fl-Atti);

5. Illi għalhekk jirriżulta li ż-żewġ rekwiżiti neċessarji sabiex jirriżultaw l-akkużi fil-konfront tal-imputat (b'mod partikolari dawn numru sitta, sebgħa u tmienja) ġew sodisfaċentement pruvati *stante* li:

   (a) m'hemm ebda dubju li l-imputat verament aċċeda għal tali rapporti u li kellu l-intenzjoni li jaċċedi għal tali rapporti anke għaliex jammetti hu stess dan u;

(b) tali aċċess sar għall-finijiet personali tiegħu ad esklużjoni ta' xi investigazzjoni li seta' kien qiegħed jagħmel u konsegwentement ma kien hemm l-ebda raġuni għalih sabiex leġittimament jaċċessa tali rapporti. Dan ifisser għalhekk li l-imputat għamel *insider unauthorised use of authorised access* kif intqal aktar 'il fuq u *stante* li tali aċċess bl-ebda mod ma kien relatat għal xogħolu jew għal xi investigazzjoni li seta' kien qiegħed jagħmel allura neċessarjament kien jaf li qed jaċċedi għal rapport li ma kellux jaċċedi għalih għax ma jinkwadrax ruħu fl-impjieg tiegħu bħala Pulizija. Id-difiża tiegħu hi li ma kienx jaf li għamel ħażin pero' din il-Qorti ma tistax tilqa' tali difiża kemm għaliex l-imputat kien jaf li dawn ir-rapporti ma kienux relatati ma' xogħolu kif ukoll abbażi tal-prinċipju *ignorantia juris neminem excusat*.

Konsegwentement f'dan il-kuntest, din il-Qorti ma tista' ssib l-ebda raġuni li tista' tiġġustifika dan l-aċċess mhux awtorizzat tas-sistema tal-NPS u dan qiegħed jingħad ukoll fl-ambitu tal-oneru tal-prova fuq l-imputat *ai termini* tal-Artikolu 337F(6) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[37]. Dan allura jfisser li l-aċċess mhux awtorizzat ġie pruvat sal-grad rikjest mil-liġi mill-Prosekuzzjoni u fl-istess ħin l-imputat naqas milli jressaq prova ta' xi forma t'awtorizazzjoni u dan *stante* li *ai termini* tal-Artikolu 337F(6) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kien imbagħad jinkombi fuq l-istess imputat li jressaq prova li hu fil-fatt ġie awtorizzat li jaċċessa tali rapporti. Għalhekk, tenut kont dan kollu, inkluż il-ġurisprudenza kkwotata aktar 'il fuq, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-argument miġjub mid-Difiża kif ikkwotat mis-sentenza **The Police (Inspector Daniel Zammit) v. Roswitha Marion Lehner**[38];

Il-Qorti tosserva li l-aċċess li jingħata lil Uffiċjal tal-Pulizija għas-sistema tal-NPS, filwaqt li huwa minnu li fil-kapaċita' tiegħu ta' Uffiċjal tal-Pulizija, persuna bħall-imputat seta' jaċċessa rapporti oħra kemm għall-iskop ta' investigazzjoni jew riċerka ulterjuri dwar xi

---

[37] 337F. (6) Il-prosekuzzjoni ma tkunx meħtieġa li ġġib provi biex twaqqa' l-effett ta' xi awtorizzazzjoni meħtieġa taħt dan is-Sub-titolu u l-oneru li tinġieb prova dwar awtorizzazzjoni bħal dik ikun jinkombi fuq il-persuna li tkun qed tallega li għandha dik l-awtorizzazzjoni:
Iżda dan l-oneru ma għandux jitqies bħala li jkun tneħħa biss bix-xiehda mhux korroborata tal-persuna akkużata.

[38] Ara Dok AA1 a fol 84 *et seq* tal-proċess

investigazzjoni li jkun involut fiha bħala Uffiċjal, dan ma jfissirx li persuna b'dan l-aċċess għandu *carte blanche* sabiex jaċċessa kull rapport fis-sistema tal-NPS, speċjalment jekk din tinvolvi lilu bħala l-persuna li qed tkun investigata mill-Pulizija dwar rapport li sar fil-konfront tiegħu bħalma seħħ f'dan il-każ. Għal dawn ir-raġunijiet, *stante* li joħroġ biċ-ċar li l-imputat mar lil hinn minn dak li kellu s-setgħa li jagħmel bħala Uffiċjal tal-Korp tal-Pulizija, din il-Qorti tqis li bħalma ntqal aktar 'il fuq, l-imputat għamel dak li jissejjaħ *insider unauthorised use of authorised access*;

F'dan l-istadju din il-Qorti tagħmel referenza għar-rapport dwar il-*Computer Misuse Act* tal-1990 promulgata fl-Ingilterra, li fuqha hija spirata l-Liġi Maltija jittratta ma' reati bħal dawk in deżamina, fejn jintqal is-segwenti:

**Our objective has been to ensure that the offence adequately encapsulates the basic conduct sought to be prevented, of trying to gain unauthorised access to a computer system, or to an unauthorised part of a computer system, without thereby criminalising those employees and other insiders who are merely careless, inattentive or imperfectly informed about the limits of their authority. At the same time, however, <u>if an employee deliberately seeks to enter part of his employer's system from which he is clearly debarred his conduct is of the same type as the outside hacker, and our proposed offence will apply to him as much as it applies to the outside hacker</u>.**[39]

Għalhekk, in vista ta' dan kollu, din il-Qorti tikkunsidra li l-imputazzjonijiet in deżamina, u ċioe' s-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjoni kienu sodisfaċentement ipprovati meta bi ksur tal-Artikolu 337Ċ(1)(a), l-imputat aċċessa s-sistema tal-NPS għal skopijiet personali kif spejgat aktar 'il fuq, li għamel *output* ta' informazzjoni hekk kif imfisser fl-Artikolu 337B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[40] meta ħa ritratti ta' rapport tal-NPS li kien jirrelata ma' investigazzjoni fil-konfront tiegħu, liema att ammetta li għamel huwa stess

[39] *The Law Commission Report (Law Com. No. 186) Criminal Law, Computer Misuse* data l-1 ta' Ottubru 1989, Paragrafu 3.6, Paġna 22

[40] "*computer output*" jew "*output*" tfisser il-preżentazzjoni jew ix-xbieha ta' data sew f'għamla miktuba, stampata, bi stampi, ta' wiri fuq skrin, fotografika jew filmata xort' oħra, grafika, bil-ħoss, sew f'kull għamla oħra li tiġi prodotta minn computer.

waqt l-Istqarrija li ttieħdet fl-14 ta' Ġunju 2023, bi ksur tal-Artikolu 337Ċ(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll li meta ħa r-ritratti imsemmija, ħa fil-pussess tiegħu *data* li b'mod ċar ma kellux awtorizzazzjoni sabiex ikollu bi ksur tal-Artikolu 337Ċ(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

***Id-Disa' Imputazzjoni – Aggravju bħala Uffiċjal Pubbliku***

A rigward din l-imputazzjoni, din il-Qorti tqis li l-imputat, bħala Uffiċjal tal-Korp tal-Pulizija[41], li għandu d-dmir li jissorvelja biex jsirx reat jew li minħabba l-kariga tiegħu għandu d-dmir li jimpedixxi hekk kif imsemmi fl-Artikolu 141 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kkwotat fid-disa' imputazzjoni, jagħti lil dawn ir-reati portata aktar serja, u dan speċjalment tenut kont tal-fatt li fiż-żmien tal-akkadut, kien uffiċjal fl-istituzzjoni li hija inkarigata bil-Liġi sabiex tipprevjeni, tinvestiga u tipprosegwixxi l-kommissjoni ta' reati kriminali. Għaldaqstant, din il-Qorti tqis li din l-imputazzjoni kienet sodisfaċentement ipprovata;

Dwar il-piena din il-Qorti tara li l-akkużi numru sitta, sebgħa u tmienja jinkwadraw ruħhom f'piena ta' multa, jew priġunerija jew it-tnejn u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 337F(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-Qorti tara li sentenza ta' multa fiċ-ċirkustanzi hija piena idoneja *stante* li l-imputat għandu fedina penali netta u kkopera mil-Pulizija f'kull stadju tal-investigazzjoni. Iżda din il-Qorti tirrileva li abbażi tal-fatt li l-imputat fiż-żmien in kwistjoni kien membru tal-Korp tal-Pulizija, b'applikazzjoni tal-Artikolu 141 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta (applikabbli għad-disa' imputazzjoni) li kif ingħad aktar 'il fuq ġiet sodisfaċentement pruvata, l-piena relattiva għall-akkużi għandha tiżdied bi grad li allura twassal għall-applikazzjoni tal-Artikolu 31(1)(f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' t-tlugħ mill-piena tal-multa jsir għal priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn tliet (3) xhur. Dan allura jfisser li strettament din il-Qorti hija prekluża (propju minħabba l-fatt li l-imputat kien membru tal-Pulizija) milli tagħti piena ta' multa biss. Jibqa' pero' l-fatt li din il-Qorti xorta tħoss li piena ta' priġunerija, anke jekk sospiża tkun waħda drakonjana fiċ-

[41] Liema fatt, kif imsemmi aktar 'il fuq, qatt ma kien ikkontestat mid-Difiża, anzi jintuża bħala argument sabiex jiġġustifika l-aċċess tal-imputat fuq is-sistema tal-NPS

ċirkustanzi tal-każ u għalhekk, qiegħda tapplika d-dettami tal-Artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u abbażi tas-segwenti raġunijiet u ċioe':

1. Il-Fedina penali netta tal-imputat;
2. Il-kooperazzjoni tiegħu mal-Pulizija f'kull stadju tal-Proċeduri tant li ammetta li ħa r-ritratti tar-rapporti mertu ta' dawn il-proċeduri;
3. Il-fatt li l-unika prova li hemm fl-atti dwar it-teħid tar-ritratti hija fil-verita' l-istqarrija tal-istess imputat *stante* li dawn qatt ma ġew esebiti;
4. L-ewwel ħames imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu (li ironikament wassluh sabiex jagħmel l-aċċess mhux awtorizzat) ma ġewx sodisfaċentement pruvati;

tara li hemm lok u raġunijiet straordinarji u speċjali sabiex tingħata piena taħt il-minimu.

**<u>Decide:</u>**

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 17(d), l-Artikolu 31(1)(b), l-Artikolu 31(1)(f), l-Artikolu 141, l-Artikolu 202(h)(iii), l-Artikolu 202(h)(v), l-Artikolu 214, l-Artikolu 215, l-Artikolu 221(1), l-Artikolu 221(4), l-Artikolu 222(1)(a), l-Artikolu 337B(1), l-Artikolu 337Ċ(1)(a), l-Artikolu 337Ċ(1)(b), l-Artikolu 337Ċ(1)(f), l-Artikolu 337Ċ(4), l-Artikolu 337F(1), l-Artikolu 337F(6), l-Artikolu 339(1)(e) u l-Artikolu 339(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 49(a), l-Artikolu 49(b) u l-Artikolu 49(ċ) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, **<u>qiegħda tillibera lill-imputat Daniel Dalli mill-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena dwar l-istess imputazzjonijiet, iżda ssibu ħati tas-sitt, is-seba', it-tmien u d-disa' imputazzjoni u b'applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat, issa l-ħati Daniel Dalli, għall-ħlas ta' multa fl-ammont ta' tlett elef Ewro (€3,000).</u>**

Din il-Qorti, wara li rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'każ ta' ħtija, tipprovdi għas-sigurta' tal-*Parte Civile* **Rachel Muscat** u **Kevin Dalli u l-familjari tiegħu** billi tħaddem fil-konfront tal-imputat, issa l-ħati **Daniel Dalli**, il-provvedimenti tal-Artikoli 383 *et seq* tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda tiċħad it-talba f'dan ir-rigward *stante* li l-istess *Parte Civile* irrinunzjaw għal dak kollu li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-ħati **Daniel**

**Dalli. Dan apparti l-fatt li fit-talba tal-Prosekuzzjoni fejn tidħol il-*parte civile* Rachel Muscat u l-familjari tagħha, t-talba qiegħda fil-konfront ta' Kevin Dalli u mhux fil-konfront tal-imputat Daniel Dalli**;

Din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li m'hijiex f'posizzjoni li tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din it-talba *stante* li ma kienu nominati ebda esperti minn din il-Qorti f'dawn il-proċeduri;

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**